# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tletin (30) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-21 ta' Ottubru, 2014, fl-Uffiċċju Muniċipali, fis-6.50pm u għalhekk għoxrin minuta tard.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-kunsillieri unanimament qablu li minkejja li s-Sindku mhux fi stat li jibgħat ittra ta' eżenzjoni minn din il-laqgħa, jiskużawh minħabba saħħtu.

2. Ma kien hemm l-ebda emenda għall-minuti u d-Deputat Sindku ressqithom għall-vot filwaqt li ssekondathom Grace Marie Mallia. Dawn għaddew mingħajr l-ebda korrezzjoni b'vot unanimu.

3. Punti li tqajmu fil-minuti kienu dwar il-proġett propost mill-Kunsill taż-Żgħażagħ - il-villaġġ tal-Milied. Hawn intqal illi t-tinda ser tkun disponibbli fil-21 ta' Diċembru, 2014. Għal dan il-proġett il-Kunsill taż-Żgħażagħ applika għall-fondi mal-Aġenzija Żgħażagħ. Minkejja dan, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba iddeċieda illi jinforma lid-Dipartiment dwar din l-attivita' biex anke jekk il-proġett taż-Żgħażagħ ma jintgħażilx, inkunu nistgħu inwettquh bil-fondi allokati mid-Dipartiment. Dawn il-fondi oriġinarjament kienu għall-attivita' kulturali bl-isem Biss bil-Ħila, li kienet posposta mit-13 t'Ottubru minħabba l-kundizzjoni tas-saħħa tas-Sindku u b'rispett lejh.

4. Dwar l-attivita' għal Sqallija, Grace Marie Mallia qalet li s'issa bbukjaw tlettax-il persuna u dawn ħallsu.

5. Charlene Zammit qalet illi jeħtieġ li niżguraw ruħna li l-irċevuti fiskali jkunu bil-VAT, mhux sempliċi karti minn kotba li jinxtraw minn stationery. Hawn is-SE qal illi meta jkun hemm xi fornitur li ma jkunx jaqbeż it-*threshold*, dan ikollu jiffirma dikjarazzjoni li ma jaqbiżx it-*threshold*. Charlene Zammit qalet li f'dawn il-każijiet biss għandna naċċettaw irċevuti li ma jurux il-VAT.

6. B'rabta mal-bozza li twaħħlet fi Triq Monsinjur Alfons Caruana mill-kuntrattur tad-dawl tal-KLM, is-SE qal li għad fadal xi linji tal-*istreet lighting* x'jinġibdu minn faċċata. Is-SE qal li kuljum qed inċemplu lis-Sur De Marco tal-*Customer Care* tal-Korporazzjoni Enemalta, kif ukoll lill-*Foreman* tad-Distrett Ivan Buttigieg.

7. Dwar il-kont ta' *Elle's Urban Services*, fejn kien hemm diskrepanza, Charlene Zammit qalet illi ġie spjegat lilha li dan sar minħabba żball fil-kejl, fejn il-perit ikkalkula anqas xogħol milli filfatt inħadem, u mhux minħabba l-madum li ntuża. Hija qalet illi n-nies iridu jitħallsu tax-xogħol li jagħmlulna u dan il-kuntrattur jinħtieġ isirlu pagament. Qalet ukoll li jeħtieġ li nagħmlu skema ta' pagamenti dwar il-kredituri kollha.

8. Paul Spiteri daħal għal-laqgħa fis-7.00pm.

9. Rigward l-attivita' ta' nhar is-Sibt, 25 ta' Ottubru, ingħad illi tqassmu l-inviti kollha u kien hemm novita' għax tajna l-inviti wkoll lill-każin li mhux se jdoqq fis-serata din is-sena. Kien hemm ukoll xi tibdil fil-format u d-disinn taċ-ċertifikati, li bil-għajnuna tal-istaff tal-kunsill, tajnihom dehra aktar formali mis-snin ta' qabel. Grace Marie Mallia ma qablitx mal-fatt li l-inviti nħarġu jgħidu li s-Sindku, d-Deputat Sindku u l-Kunsillieri kienu qed jistiednu lin-nies, minħabba l-kundizzjoni tas-saħħa tas-Sindku. Hija qalet illi peress li s-Sindku huwa indispost,

dawn l-inviti ma kellhomx joħorġu hekk, iżda kellu jkun imniżżel il-KLM jistieden. Charlene Zammit qalet li fil-verita' s-Sindku għadu *in office* għax m'hemmx riżenja, għalhekk l-inviti tal-attivita' prinċipali u formali li jagħmel il-Kunsill kull sena ma jistgħux ma joħorġux f'ismu wkoll apparti minn hekk it-template kien identiku għas-snin preċedenti. Paul Spiteri u Michel Farrugia qalu illi fil-verita' is-siġġu tas-Sindku mhux vakant u li huma ma jaraw l-ebda problema bil-mod kif inħarġu l-inviti.

10. Charlene Zammit qalet li kien hemm dipartenza minn dak li konna ddeċidejna fis-seduta preċedenti rigward is-serata ta' Ġieħ l-Imqabba. Dan għaliex filwaqt li aħna b'rispett lejn Nicky Briffa konna għidna li l-programm għandu jieħu forma ta' omaġġ, dan ma kienx fil-ħsieb u x-xewqa tal-familjari tiegħu. Għalhekk ġie deċiż li għandha ssir biss referenza għall-fatt li s-Sindku jinsab indispost. F'dan il-waqt issemmew is-siltiet mużikali, l-iscript u ċ-ċertifikati ta' rikonoxximent.

11. Charlene Zammit qalet li rċeviet telefonata b'sorpriża mingħand Omm Federica Falzon li nfurmatha li d-delegazzjoni li qed tieħu lil Federica għall-*Junior Eurovision* tixtieq li din tkanta *live* il-kanzunetta *Diamonds* fis-serata Ġieħ l-Imqabba, liema kanzunetta tkun irrekordjata minn TVM u mxandra fuq it-televiżjoni. Madankollu dawn riedu jaċċertaw ruħhom mis-*sound* hu ta' kwalita' tajba għat-TV. Minn naħa tagħna, ma nafux xi kwalita' ta' *sound* hemm u jinħtieġ li dawn jiġu jaraw fir-*rehearsal* tal-banda nhar l-Erbgħa filgħaxija. Paul Spiteri qal li irridu nirrestrinġu lill-PBS li dawn jiffilmjaw biss id-diska u xejn aktar għaliex inkella jinqala' d-diskors żejjed mill-pubbliċita' ta' każin partikolari. Grace Marie Mallia qalet li din is-sena aktar qed jinqalgħu affarijiet meta s-Sindku huwa indispost, u Michel Farrugia qal li jekk iridu jirredordjaw is-serata u jġibu *sound* tagħhom ta' kwalita' aħjar mingħajr ma ninkorru spejjeż żejda, m'għandux ikun hemm problemi għall-KLM. F'din is-serata in-nies se jintlaqgħu fis-7:15pm fl-Iskola Primarja.

12. Is-SE ikkonferma li rranġajna l-*additional signatory* biex flok is-Sindku tibda' tiffirma Charlene.

13. Charlene Zammit talbet lis-SE jgħid x'kienu l-iżviluppi dwar il-lista li għandna biex nottjenu l-injezzjoni tal-influwenza ħalli din tingħata mill-Imqabba għal dawk li għalqu 55 sena. Is-SE qal li hemm ħafna minnhom li m'għandhomx l-eta' rikjesta u ovvjament kien mistoqsi dwarhom mid-Dipartiment għall-Kura Primarja. Min għandu l-karta r-roża u qed jgħid li jbati bl-*asthma* se jikkwalifika għat-tilqima b'xejn bħal min għandu diżabilita'. Hawn hu qal li ħaqqhom kull tifħir l-infermieri li volontarjament kull sena hu jistieden u hemm min jilqa' l-istedina biex jagħti mill-ħin tiegħu b'xejn u jlaqqmu lil dawn in-nies. Charlene Zammit qalet li dawn ukoll ħaqqhom ċertifikat fis-Serata Ġieħ l-Imqabba bħal dawk li jsajru u jqassmu l-ikel fl-attivitajiet tal-Kunsill. Is-SE qal li wieħed jista' liberament jaqbiżhom din is-sena għaliex issa qiegħdin tard u jonorhom b'ċertifikat ta' rikonoxximent is-sena d-dieħla.

14. Is-SE lesta l-qari tal-quddiesa sabiex jinqara mill-kunsillieri nhar is-26 ta' Ottubru, filwaqt li talab gwida lill-kunsillieri biex naraw jekk hux se jissemma' s-Sindku fit-talb tal-komunita'. Hawn kien deċiż li ssir referenza sottili għalih.

15. Kienu approvati ir-Rapporti Finanzjarji tat-tieni u t-tielet kwart tas-sena, wara li sarulhom xi emendi qabel il-laqgħa (b'hekk din bdiet tard) minn Charlene Zammit u Grace Marie Mallia. F'dan il-punt Charlene Zammit qalet li hi u s-SE kellhom laqgħa mal-*Accountant* eżattament qabel il-laqgħa li saret mal-għaqdiet tan-nar tal-każini, nhar il-Ħamis, 16 ta' Ottubru, 2014. Paul Spiteri qal li fid-dawl li din il-leġislatura jista' jitwalilha l-perjodu tagħha, irridu nagħmlu sentejn mingħajr spejjeż addizzjonali fi proġetti u ospitalita' biex nirkupraw id-djun tat-toroq, bandli u l-isptar il-qadim. Imbgħad ikun fadal sentejn oħra fejn il-KLM ikun jista' jagħmel proġett ieħor.

16. Charlene Zammit qalet li hija se tattendi għal-laqgħa li jmiss tal-GAL Xlokk għaliex ċertu skemi mhux qed inkunu nafu bihom. Hawn semmiet l-iskema ta' fondi fuq sqaqien. Is-SE qal li hu fiduċjuż illi permezz tal-GAL Xlokk se nibbenefikaw minn xi skema li għad trid tinfetaħ billi nħaddmu aktar moħħna u nidentifikaw proġetti li ma jkunux jinvolvu permessi tal-MEPA. Dawn jistgħu ikunu fuq bini ta' ħitan tas-sejjiegħ u tindif, bħalma irnexxielhom jibbenefikaw minnhom il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u dak tal-Qrendi rispettivament. Grace Marie Mallia qalet li is-Sindku kien infurmat bi skema tal-GAL Xlokk u ma laħħaqniex minħabba l-permessi tal-MEPA għax dħalna tard.

17. Is-SE se jinsisti mal-Perit William Lewis sabiex jitħaffef il-proċess tad-DNO ta' Misraħ il-Fidwa sabiex ifittex joħroġ il-*compliance certificate* u nirkupraw il-fondi imwiegħda mill-Fond għat-Titjib Urban.

18. S'issa għadna mingħajr risposta għall-ittra tagħna fejn is-Sindku kien staqsa formalment lill-Onor Stefan Buontempo dwar il-fondi msemmija waqt l-inawgurazzjoni ta' Ġnien Onġi Onġella ftit tal-ġimgħat ilu. Dan għaliex għalkemm is-Segretarju Parlamentari kien semma li approvalna xi fondi, bqajna ma smajna xejn dwarhom. Grace Marie Mallia staqsiet jekk tlabniex lill-Accountant jagħmel budget ta' kif nistgħu inħallsu lill-Kredituri u li l-KLM jkun f'pożizzjoni li jonorahom. Hija qalet li dan irid isir qabel jibdew isiru l-laqgħat mal-krredituri. Charlene Zammit wieġbet li dawn l-affarijiet ġew diskussi fil-laqgħa li kellna mal-Accountant tas-16 ta' Ottubru, 2014.

19. Fil-laqgħa li qed nippjanaw li nagħmlu mal-Perit William Lewis, se jissemmew il-pjanijiet tal-bini tat-tieni ġibjun biex jilqa' l-ilma tax-xita fl-Imqabba u l-iżvilupp propost fuq il-ġibjun eżistenti.

20. Dwar l-ilma li qed joqgħod fit-toroq, irridu wkoll inkellmu lill-perit biex jagħmel stimi tagħhom ħalli meta nkunu f'pożizzjoni li nasfaltawhom, jinqalgħu dawn il-partijiet u jsiru mill-ġdid. Hawn saret referenza għal Triq Santa Katerina, Triq il-Mitħna u Sqaq fi Triq il-Parroċċa.

21. Il-KLM se jiltaqa' nhar il-11 ta' Novembru, 2014 fis-6.30pm.

22. F'punti oħra, issemmew il-bankina li ġiet irranġata fi Triq il-Barumbara, kif ukoll dik li tiżloq viċin il-ħanut tal-Barun fi Triq il-Kileb.

23. Issemmew il-*Monitoring Unit* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u telefonata li kien irċieva Nicholas Briffa dwar il-każ tat-tire tal-vettura li ċċarrat ma' bankina li kien qalagħha kuntrattur mingħajr il-permess tal-KLM. Hawn Michel Farrugia qal li se jirranġa ma' sid il-vettura filwaqt li l-Kunsill qabel li dan magħna jrid jirranġa, imbgħad aħna navviċinaw lil sid il-vettura li qed ifittixna għad-danni u ntuh l-ammont li qed jitlob a saldu tad-danni minnu inkorsi.

24. Michel Farrugia semma it-tina marida fl-inħawi ta' Triq Ġuzeppi Galea, li jeħtieġ li tinqala' minn postha minn ġo għalqa, u Grace Marie Mallia talbet lis-SE jgħid xi żviluppi kien hemm dwar is-siġra viċin il-kmamar tan-nar, fil-lokalita' tas-Siġġiewi. Hawn Paul Spiteri reġa' semma s-siġar ta' quddiem iċ-ċimiterju, li minkejja l-permess mill-MEPA biex jinqalgħu, tħallew hemm.

25. Dwar il-laqgħa mal-każini, kien deċiż li niktbu ittra ta' oġġezzjoni lill-MEPA, fejn nerġgħu nesprimu t-tħassib tagħna għal xi żvilupp fl-inħawi tax-xatba l-ħamra. Dan se jsir għaliex il-KLM jemmen li din iż-żona hija l-pulmun tar-raħal minkejja li z-zona kienet infetħet għall-bini mill-Parlament fl-2006. Paul Spiteri qal li dak iż-żmien kienet saret petizzjoni mill-għaqdiet tal-festi fejn kienu saru xi oġġezzjonijiet biex ma jinħarġux permessi għall-bini mill-MEPA f'din iz-zona. Kien hemm diskussjoni dwar jekk għandniex insemmu l-istess petizzjoni li Paul Spiteri qal li l-petizzjoni kienet intlaqgħet mill-MEPA. Qal ukoll li kienet kkunsidrata l-ittra tal-

avukat li qed ifittex lill-KLM għall-ħlas wara li kien kiteb ittra ta' oġġezzjoni lill-MEPA f'isem is-soċjetajiet mużikali dwar PA application . Hawn Paul Spiteri qal li l-avukat kien bagħat *e-mail* li kienet daħlet fil-ħin u li sfortunatament s'issa għad m'għandniex la kopja tagħha u lanqas *acknowledgement* tal-MEPA.

26. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 488.

27. Michel Farrugia staqsa dwar ic-*cheque* għal servizz ta' crane li kien ftiehem miegħu is-Sindku biex tinqata' siġra ħażina li telgħet fil-ġibjun il-miftuh. Is-SE qal li c-*cheque* intbagħat bil-posta.

28. Dwar it-tiżjin tal-Milied, Michel Farrugia qal li hemm bżonn li l-fistun jixgħel sa mill-1 ta' Diċembru u l-ħin ikun bejn il-5:00pm u l-10:30pm u mhux jixgħel tard. Hawn is-SE qal li l-ewwel ħaġa li rridu nagħmlu hi li nissottomettu l-applikazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta bil-firma tal-*electrician* biex napplikaw għas-servizz temporanju tal-elettriku u ovvjament isir iċ-cheque tad-depożitu.

29. Il-kunsillieri qablu illi s-SE jagħmel talba lid-Direttur Gvern Lokali sabiex ikunu trasferiti mija u għoxrin siegħa *vacation leave* minn tas-sena 2014 għas-sena 2015.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11/11/2014 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |